**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-08 ta' Marzu, 2019**

**Talba Numru: 435/2014 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 22**

**David Pace (K.I. 0132886M) kif ezercenti fin-negozju**

**'Davico Car Hire and Leasing Services'**

**79, Triq Angelo Mellili,**

**Zebbug, Malta**

**Vs**

**Carmelo Ellul (K.I. 10973M)**

**14, Villa Fremaux Complex,**

**Triq Santa Katerina,**

**Zejtun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fl-04 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu talab li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' tlett elef mitejn hamsa u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,265.56c) rapprezentanti xogholijiet ezegwiti minnu fuq l-vettur tal-ghamla Peugeot 206 targata DBG – 602 proprjeta' tal-intimat.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet ghall-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt; li l-flus ma humiex dovuti peress li huwa qatt ma nghata l-ircevuti u prova li x-xoghol fuq l-karozza tieghu DBG 602 effettivament sar u wisq inqas inghata l-ircevuti tal-parts mixtrija ghalih u ghal parts tal-karozza; li hu mar biex jigbor il-karozza tieghu u jhallas meta l-attur qallu li l-karozza ma kinitx ghadha lesta u arbitrarjament zamm il-karozza tal-esponenti li ghandu minghajr permess minghand l-istess konvenut.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha qed jitlob li l-attur jigi ordnat ihallsu s-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin ewro (€3,490) rapprezentanti danni talli huwa gie mcahhad mill-uzu tal-karozza tieghu meta l-attur ghal dawn l-ahhar tmintax-il xahar zamm il-vettura proprjeta' tal-konvenut ghandu minghajr il-kunsens tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-attur rikonvinzjonat a fol 10 li permezz taghha eccepixxa li l-kontro-talba avvanzata mill-konvenut fil-konfront tal-attur hija guridikament insostenibbli u dan stante li l-attur gie debitament inkarigat mill-istess konvenut sabiex iwettaq xogolijiet fuq il-vettura in kwistjoni u minghajr pregudizzju ghal premess il-kontro-talba tal-konvenut hija vessatorja u saret biss f'dan l-istadju sabiex il-konvenut jipprolunga l-hlas debitament dovut lill-attur fuq ix-xoghol imwettaq minnu.

Illi l-attur bhala prova pprezenta biss l-affidavit tieghu u d-dokumenti mat-talba tieghu. Fl-affidavit tieghu (fol 28 et) l-attur jghid li huwa jiggestixxi negozju ta' kiri ta' karozzi u garaxx ta' tiswijiet ta' karozzi li jinkludi wkoll servizzi ta' panel beating, spray painting u dak kollu li ghandu x'jaqam ma' mekkanika ta' karozzi. Dan in-negozju jiggestih taht l-isem 'Davico Services' u ilu f'dan in-negozju ghal aktar minn tmien snin.

Fi Frar tas-sena 2013 il-konvenut talbu stima tad-daqqiet li kellha l-karozza tieghu tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru DBG 602. Huwa tah l-istima li kienet ta' elfejn u mitejn ewro (€1,200) eskluz vat u l-ammont kien jinkludi x-xoghol tad-daqqiet u z-zebgha biss minghajr ebda parts u l-konvenut accettaha u qallu biex jinfurmah meta jista jibda x-xoghol fuq il-karozza. L-attur mar iz-Zejtun u hadlu l-karozza fil-garaxx tieghu f'Haz Zebbug u huwa kien ta lill-konvenut karozza tal-kiri kif talbu l-istess konvenut. L-attur jghid li l-konvenut talbu jsewwi l-karozza mill-mekkanika kollha u li jippreparaha wkoll ghal VRT qabel ma jibda x-xoghol tad-daqqiet u z-zebgha. Huwa spjega li dam jahdem fuq il-karozza madwar xahar u biddel diversi parts tal-vettura fosthom il-brakes ta'

quddiem u ta' wara, wheel cylinder tal-lemin u tax-xellug , wishbone, z-zjut u l-filters li kien hemm bzonn. Huwa solva l-problema ghalfejn il-karozza ma bdietx tistartja b'dan li rranga s-safe starter u ghamel xoghol tal-elettriku fuqha biex tiffunzjona tajjeb. Huwa ghamel service komplut tal-vettur kif talbu l-konvenut.

Waqt li kien ghaddej ix-xoghol il-konvenut kien imur jara l-vettura u kif kien sejjer ix-xoghol u kien awtorizza lil attur jixtri dak li kien hemm bzonn ghal vettura sabiex tkun lesta minn kollox, talbu wkoll jirranga s-seats li kellu ghax kienu f'kundizzjoni hazina, jixtrilu l-mirja u l-fanali u dak kollu li hemm bzonn sabiex il-karozza tkun kompluta.

Sadanittant huwa kien jghid lill-konvenut biex jahsiblu ghall-pagament peress li l-ispejjez fuq il-vettura bdew telghin u kien qed jonfoq flus minn butu u l-konvenut kien jghidlu 'issa nghaddi u ntik pagament' izda l-konvenut qatt ma ghadda ebda pagament sakemm kien ghaddej ix-xoghol.

Meta lesta l-karozza minn kollox il-konvenut mar jispezzjona l-karozza u tah il-kont ta' tlett elef mitejn hamsa u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,265.56c) u l-konvenut ghaddielu mija u hamsin ewro (€150) akkont u weghdu li ser igiblu l-kumplament tal-flus izda xejn ma gara minn dan. Wara xi zmien il-konvenut mar biex jigbor il-karozza u gablu dokument diga ffirmat minnu cioe' mill-konvenut li jghid li huwa kien ser jghaddilu elf u hames mitt ewro (€1,500) u l-bilanc jithallas f'rati mensili ghax qallu li kellu problema biex ihallas l-ammont kollu f'daqqa u ried li jghaddilu pagament ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) u jsir ftehim dwar kif jithallas il-bilanc. L-attur qallu biex igiblu l-elf u hames mitt ewro (€1,500) u jitkellmu dwar il-bilanc izda huwa gablu elf ewro (€1,000) u huwa ma qabilx ghax il-ftehim kien li jgiblu elf u hames mitt ewro (€1,500) u minn dakinhar il-konvenut ma hallsu xejn u ghalhekk l-attur fadallu jiehu tlett elef mija u hmistax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,115.56c).

In kontro-ezami fol 60A et l-attur jichad li l-konvenut talbu biex jirrangalu l-ghafsa tal-bieba ta' wara, ibiddillu s-safe starter u x-shock absorbers biss u jikkontendi li l-konvenut kien qallu wkoll biex jisprejja l-karozza kollha u jaghmilha u jtellaghha l-VRT, servicing u karozza ghal kiri wkoll. Huwa talbu wkoll xi affarijiet zghar bhal xi tindif minn gewwa etc. etc. Huwa jammetti li kien tah stima taz-zebgha biss li kienet ta' xi elf ewro (€1,000). Huwa jghid li l-konvenut kien dejjem jghidlu biex ikompli bix-xoghol u kien jghid lill-konvenut kemm il-darba li kien imur il-garage biex jara x-xogholijiet li

kienu qed isiru. Huwa jghid li l-parts antiki wrihomlu u dawk godda jidhru. Il-konvenut meta mar ghal karozza ma talbux gustifikazzjoni tal-kont u qallu li ser jaghtih mija u hamsin ewro (€150) akkont u l-kumplament jaghtihomlu bil-mod. Huwa jispjega li l-konvenut offrielu li jghaddilu elf u hames mitt ewro (€1,500) ohra akkont izda meta ghaddielu l-pagament dan kien ta' elf ewro (€1,000) u mhux elf u hames mitt ewro (€1,500) kif kienu ftehmu.

In ri-ezami huwa kkonferma d-dokumenti kollha esebiti minnu mal-Avviz tat-Talba u li l-vettura kien tellaghha ghal VRT u ghaddiet minn kollox. Huwa rega kkonferma li l-konvenut kien imur il-garage diversi drabi u kull darba li kien jghidlu x'jonqos fil-karozza huwa kien japprova. Huwa kkonferma li l-vettura hija maqbuda taht l-Awtorita' tal-Qorti.

A fol 36 l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li f'Marzu, 2013 huwa mar il-garage tal-attur biex jaghmillu stima tax-xogholijiet li l-karozza tieghu kellha bzonn u huwa tah stima ta' elf ewro (€1,000) ta' xogholijet ta' tellar li jinkludi l-ispray. Il-karozza ma kienetx qed tixghel u ghalhekk huwa nkariga lill-attur ukoll biex jaghmel l-arrangament necessarji biex jigbor il-karozza miz-Zejtun fejn kienet ipparkjata u jehodha l-garage tieghu. L-attur qallu li l-problema kienet s-safe starter u kien awtorizzah biex jirrangalu 9a) l-ghafsa li kellu fuq il-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier; (b) jibdel is-safe starter u 9c) kien tah wkoll sett ta' shock absorbers godda ghan-naha ta' quddiem tal-karozza biex jibdilhom mal-antiki. Kien avzah biex jekk isib xi hsara ohra l-ewwel ghandu jkellmu.

Il-konvenut jichad li lill attur kien awtorizzah biex jixtri kull ma hemm bzonn ghat-tiswija tal-vettura u jikkontendi li huwa awtorizzah biex itellalu l-ghafsa u sabiex jibdel is-safe starter u x-shock absorbers ta' quddiem biss.

Il-vettura kienet lesta f'Mejju u meta mar ghal vettura l-attur ghaddielu l-kont ta' tlett elef mitejn u hamsa u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,265.56c) meta kienu ftehmu li l-ispiza kienet ta' elf ewro (€1,000). L-attur tah lista tal-parts li bidillu u x-xogholijiet li ghamel li elenkhom fl-affidavit tieghu. Il-konvenut li xxokkja ruhu meta ra l-kont ta' xogholijiet li huwa qatt m'approva u meta staqsa lill-attur ghala ghamel dan huwa sempliciment qallu li fil-fehma tieghu ma tantx kien biddel affarijiet. Il-konvenut jerga jikkontendi li huwa ma kienx awtorizza lill-attur jaghmel dawn ix-xogholijiet u jbiddel dawn il-parts u lanqas ircevuti tal-parts li biddel ma ghaddielu.

Wara xi sena mar fil-garage tal-attur flimkien ma' siehbu Sean Gerada u l-attur qallu biex jghaddilu elfejn ewro (€2,000) ghas-saldu u ma jidhlux Qorti u qallu 'issa gejt ghall-ircevuti tal-parts wara sena'. Huwa pprezenta r-recording ta' din il-laqgha. Huwa jghid li l-vettura tiswa tlett elef ewro (€3,000) u ghalhekk tali tiswijiet lanqas jaghmlu sens.

Dwar il-pagament ta' mija u hamsin ewro (€150), huwa jaqbel li hallashom lill-attur bhala parti mill-kirja tal-karozza li huwa krielu sakemm saru x-xogholijiet. Huwa jaqbel li f'Gunju, 2014 huwa offra li jhallsu €1,500 ghall-allegat xoghol u ghal kirja tal-vettura izda l-attur qatt ma accetta l-hlas u sahansitra kien ghamillu bank draft izda l-attur ma accettax il-hlas.

Huwa jghid li l-attur zamm il-karozza ghandu ghal tlett snin u kellu jikri karozza ghall-uzu personali tieghu. Huwa jghid li jrid ihallas lill attur izda wara li jghaddilu l-ircevuti tal-parts li jghid li nefaq. Lanqas lura l-parts antiki tal-vettura tieghu l-attur ma ghaddielu jghid il-konvenut.

In kontro-ezami fol 60E (overleaf), il-konvenut jghid li ghand l-attur mar darba u l-ftehim kien li jtellghalu l-ghafsa li kellu fil-bieba ta' wara u jekk hemm xi spejjez jghidlu bihom izda l-attur qatt ma infurmah bihom. Huwa fakkar li l-attur kien lest li jaqtghalu elf ewro (€1,000) u hemm CD recording xhieda ta' dan. Huwa jghid li l-attur qatt ma baghatlu ircevuta fiskali u kien ftiehem mal-attur li jibdel dak li hemm bzonn basta jinfurmah izda l-attur qatt ma nfurmah. Huwa kien jibghatlu wkoll SMS's u jcempillu izda l-attur qatt ma kien jirrispondih. Huwa jichad li semmielu l-VRT. Huwa jammetti li kien kera vettura minghand l-attur u dan il-kont telgha ghal sitt mitt ewro (€600).

Meta mistoqsi mit-Tribunal jikkonferma l-lista ta' parts u xogholijiet li l-attur jghid li ghamel fil-vettura a fol 36 il-konvenut jichad li saru anzi jghid li ma jafx li saru.

Huwa jghid li jippretendi li l-attur javzah x'hemm bzonn u kemm huwa l-prezz ta' kull bicca xoghol extra li ghamel fil-vettura.

A fol 73 dan it-Tribunal hatar s-surveyor Natalino Agius u a fol 84 huwa pprezenta u halef ir-rapport tieghu u a fol 97 huwa kkonferma f'rapport addizzjonali tieghu li l-kont huwa 'fair and reasonable' tenut kont skont hu li r-rata hija ta' tlieta u ghoxrin ewro (€23) is-siegha.

A fol 103 saret l-eskussjoni tal-perit tekniku mill-konvenut. Huwa jghid li l-attur kellmu izda l-konvenut ma kienx prezenti meta sar l-access ghalkemm kien infurmat. Huwa spjega li vverifika li l-karozza giet sprejjatha u kienet f'kondizzjoni tajba. Huwa dwar il-kiri tal-karozza ma vverifikax. Qaluli li l-vettura damet hamsin jum biex tigi rrangata. Meta konfrontat bil-lista ta' xogholijiet li qed jghid li ezegwixxa l-attur l-espert ikkonferma kollox ghajr 'rear hoes' ghax ma setghetx tinqala' r-rota, safe starter ghax trid tifthu biex ticcekja, u l-bqija tax-xogholijiet saru.

Ra n-nota ta' kritika tal-konvenut ghar-rapporti tal-espert tal-Qorti.

Semgha t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Ikkonsidra

Li dan huwa kaz li l-konvenut inkariga lill-attur jaghmillu xogholijiet fil-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBG 602 fosthom li jirmunkaha miz-Zejtun ghal garage fejn kienu ser isiru x-xogholijiet, u wara li tlestew ix-xogholijiet anke tellalghu l-vettura ghal VRT, ghaddiet mill-VRT u meta gie ffaccjat bil-kont liema kont kien jinkludi hlas ta' kiri ta' karozza minghand l-istess attur, il-konvenut hallas mija u hamsin ewro (€150) akkont, u wara offra li jhallas elf u hames mitt ewro (€1,500) ohra u l-bilanc b'rati mensili, izda minflok elf u hames mitt ewro (€1,500) mar biex ihallas elf ewro (€1,000) akkont u l-attur ma accettax. Wara xi sena mar il-konvenut mal-habib tieghu biex jipprova jasal f'arrangament u l-attur kien lest li jaccetta pagament ta' elf ewro (€1,000) biex ma jmorrux il-Qorti izda l-konvenut ma accettax u rrekordjah. L-attur zamm ghandu l-vettura sakemm din giet elevata b'mandat ta' qbid numru 1379/2014.

Illi kien wara li l-attur beda dawn il-proceduri li l-konvenut beda jiddubita mill-attur u kkontenda li huwa nkariga jaghmel biss tlett xogholijiet, cioe' jirrangalu l-ghafsa tal-bieba ta' wara, ibiddillu s-safe starter u x-shock absorbers biss, u li l-attur qatt ma ghaddielu l-ircevuti tal-parts li biddel u li qatt ma tah ircevuta tal-VAT.

Fuq talba tal-attur gie nominat Natalino Agius espert bhala surveyor biex jikkonstata li saru x-xogholijiet u jekk il-kont kienx gust u fiz-zewg rapport tieghu huwa kkonferma dan ghalkemm kien hemm xi ftit items li minhabba l-pozizzjoni taghhom ma setghax jiccertifika dan.

Kif osservat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inf per Ellul fil-kawza Abdilla John vs Water Services Corporation tal-04 ta' Dicembru, 2006: 'Gja gie osservat diversi drabi minn din il-Qorti li valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-principju tal-konvinciment liberu, dejjer, pero u prudenzjali tal-gudikant adit mil-mertu. Dan ncecessarjament u logikament ifisser li l-gudikant ghand poter diskrezzjonali ampju li mir-rizultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li ghal formazzjoni tal-konvinciment tieghu iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-ezercizzju ta' dan il-process huwa fakoltizzat li jaccetta x-xhieda ta' whud u jwarrab jew jiskarta ohrajn u jqieghed a fundament tad-ecizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra'.

Illi kieku dan it-Tribunal kellu jiehu biss l-fatt li wara li l-konvenut irceva l-kont hallas mija u hamsin ewro (€150), u anke offra li jhallas elf u hames mitt ewro (€1,500) u l-kumplament b'rati mensili kif jidher mid-dokument ffirmat minnu a fol 33 u l-fatt li l-konvenut kkonferma li ghadda lill-attur mija u hamsin ewro (€150) u anke lestielu bank draft ta' elf ewro (€1,000) ohra akkont, dan wahdu hija konferma ta' kemm il-konvenut accetta li jhallas l-ammont dovut.

Huwa minnu li l-konvenut qed jeccepixxi li l-flus ma humiex dovuti peress li huwa qatt ma nghata l-ircevuti u prova li x-xoghol fuq l-karozza tieghu DBG 602 effettivament sar u wisq inqas inghata l-ircevuti tal-parts mixtrija ghalih u ghal parts tal-karozza; li hu mar biex jigbor il-karozza tieghu u jhallas meta l-attur qallu li l-karozza ma kinitx ghadha lesta u arbitrarjament zamm il-karozza tal-esponenti li ghandu minghajr permess minghand l-istess konvenut, izda kif dejjem gie ritenut meta l-konvenut inghata l-kont u ghadda mija u hamsin ewro (€150) akkont u anke wara offra li jghaddi pagament iehor u jhallas il-bilanc b'rati mensili, dawn huma provi cara li huwa rrikonoxxa tali dejn u ma jistax issa jressaq dawn ir-ragunijiet ghaliex huwa ma ghandux ihallas l-ammont dovut.

Kif josserva l-Laurent ir-rikonoxximent huwa rinunzia "Chi riconosce I diritti del creditore fa una rinuncia… il riconoscimento implica una rinunzia; (vide Prim Awla farrugia vs Perini per JZM); u "Illi l-gurisprudenza tghallemli gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplice kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn.. (vide Pa 15.10.2003 Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage

Commission u wkoll Appell Superjuri 30.5.2003 Domenic Department Stores Ltd vs Malta Dairy Products Limited).

Inoltre gie verifikat ukoll mill-espert tal-Qorti li x-xogholijiet saru u li kont huwa wiehed ragonevoli u l-konvenut qatt ma cahad li l-attur hadlu l-karozza ghat-test tal-VRT u ghaddiet minn dan it-test u ghalhekk ma jistax jinghad li l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv.

Illi f'din il-kawza l-konvenut irrikonoxxa d-dejn kemm meta hallas akkont, u kif ukoll meta talab li jhallas somma ohra akkont u li jhallas il-bilanc b'pagamenti mensili.

Illi ghalhekk huwa ma jistax jecceipixxi li huwa ma ghandux ihallas lill-attur ghax ma ghaddielux l-ircevuti tal-parts li biddel u prova li x-xoghol effettivament sar meta dan setgha facilment jikkonstatah kieku inkariga persuna kompetenti li jaghmel dan kif ghamel is-surveyor appuntat mill-Qorti, u meta inkluz mal-kont kien hemm ukoll il-hlas tal-kiri tal-karozza li mhux kontestat mill-konvenut izda lanqas dawn il-flus ma hallas.

Kontro-talba

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut, jigi rilevat li prova tad-danni allegatament sofferti huwa ma gabx. L-attur jghid li l-istima saret fi Frar, 2013 u l-konvenut jghid din saret f'Marzu, 2013, il-kont hareg fl-10 ta' Mejju, 2013 u l-vettura giet elevata mill-Qorti fis-sena, 2014 meta gie ezegwit il-mandat ta' qbid. Il-konvenut jghid li s-somma mitluba hija danni sofferti talli l-attur zamm il-vettura ghandu ghal tmintax-il xahar.

Izda kif inghad, prova ta' dawn id-danni l-konvenut ma gabx u ghalhekk tali talba ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici in parte stante li l-konvenut kien diga hallas akkont lill-attur is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) u jordna lill-konvenut biex ihallas lill-attur il-bilanc ta' tlett elf mija u hmistax il-ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,115.56c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data

tal-effettiv pagament; u jichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenjonanti maghmula fil-kontro-talba tieghu.

Bl-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**